# Agħmlu...

- Itlobu ’l Alla dejjem.
- Kunu paċenzjużi.
- Għidu dejjem il-verità.
- Uru rispett lejn il-ġirien.
- Agħtu l-għajnuna lill-foqra.
- Uru rispett lejn min hu akbar minnkom.
- Uru ħniena lejn it-tfal, lin-nisa u lix-xjuħ.
- Ħudu ħsieb tal-ġenituri tagħkom.
- Ħobbu u aħdmu għall-umanità.
- Kunu ġenerużi ħafna mal-bnedmin ta’ Alla.
- Warrbu l-abominazzjoni tal-idoli u żommu ‘l bogħod milli tgħidu l-gideb għax hu dnub mhux inqas (gravi) mill-idolatrija.
- Kunu xhieda tal-verità wkoll jekk ikollkom tmorru kontra missirijietkom, ħutkom jew ħbiebkom.
- Żommu sodi mal-verità u kunu xhieda tagħha.

- Uru ħniena ma’ kulħadd.
- Aħfru l-iżbalji tal-oħrajn.
- Fittxu l-għarfien dejjem.
- Oqogħdu għall-verità u żommu sodi magħha.
- Kunu ġusti u qatt tħallu l-mibegħda kontra xi ħadd iżżommkom milli tagħmlu ġustizzja.
- Kunu ħbieb ma’ xulxin. Tkunux xħaħ ma’ xulxin, turux mibegħda ħadra, iżżommux f’qalbkom għira u tkunux qalbkom iebsa.
- Kunu l-ħbieb t’Alla b’qalbkom kollha u bis-sinċerità kollha.
- Kunu qalbkom tajba ma’ ta’ taħtkom, man-nisa tagħkom u ma’ ħutkom anqas xortihom tajba sabiex tintwera ħniena magħkom fis-sema.
- Kunu tassew ma’ Alla biex Hu jista’ jkun magħkom.
- Aħarbu l-arroganza għaliex l-arroganza hi l-aktar mistkerrha minn Alla, il-Mulej tal-Glorja.
- Titgħaxxqux bil-pjaċiri tad-dinja, għaliex jeħdukom ‘il bogħod minn Alla.

- Ixtiequ lil ħaddieħor dak li tixtiequ lilkom infuskom.
- Aħsbu dejjem fit-tajjeb li tistgħu tagħmlu lill-oħrajn.
- Ibżgħu minn Alla u obduH f’kollox.
- Għidu s-sewwa mingħajr ebda dubju.
- Itolbu dejjem għall-oħrajn.
- Użaw fluskom f’isem Alla.
- Agħtu l-karità.
- Kunu lesti li tisimgħu lil min għandu twemmin differenti.
- Fittxu l-maħfra mingħand Alla.
- Afdaw f’Alla tagħkom.
- Kunu umli.
- Agħtu daqqa t’id lill-orfni.
- Ilqgħu lil min jiġi għandkom mill-aħjar li tistgħu.

# Tagħmlux...

- La tisirqux ħwejjeġ ta' ħaddieħor.
- La tadurawx idoli.
- La tigdbux.
- La titkellmux ħażin.
- La tiġġildux ma' xulxin.
- La tabbużaw lil ħadd.
- La twiegħdux fil-falz.
- La tagħmlux adulterju.
- La tgħidux kliem malizzjuż fuq xi ħadd li mhux preżenti.
- La toqtlu lil ħadd.
- La ddejqux lill-ġirien tagħkom.
- La ssawtux lit-tfal.
- La tinvolvux ruħkom fil-ħażen.
- La tfittux li taħarbu l-verità.
- La tkunux rgħiba u egoisti.
- La ġġibux id-diżordni.